

## I

(Atti leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 216/2013

tas-7 ta' Marzu 2013

## dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 352 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

- (1) L-Artikolu 297 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jitratta l-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Ġurnal Uffiċjali") u d-dħul fis-seħħ tal-atti legali tal-Unjoni.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1/1958<sup>(1)</sup>, inklużi emendi sussegwenti magħmulin fih, jistabbilixxi l-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.
- (3) L-edizzjoni stampata tal-Ġurnal Uffiċjali, disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, hija attwalment l-unika publikazzjoni li torbot legalment, għalkemm hija disponibbli wkoll fuq l-Internet.
- (4) Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea<sup>(2)</sup> tiżgura li l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jippermetti li l-istituzzjonijiet jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jipubblikaw it-testi leġiżlattivi.
- (5) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea iddeċidiet, fil-Kawża C-161/06 Skoma-Lux sro v Celní ředitelství Olomouc<sup>(3)</sup>, li l-atti legali tal-Unjoni mhumiex infur-

zabbli kontra l-individwi jekk ma jkunux ġew ippubblikati b'mod korrett fil-Ġurnal Uffiċjali u li l-fatt li dawn l-atti jkunu disponibbli onlajn mhuwiex ugwali għal publikazzjoni valida fil-Ġurnal Uffiċjali fin-nuqqas ta' kwalunkwe regola f'dak ir-rigward fil-liġi tal-Unjoni.

- (6) Jekk il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali fil-forma elettronika kellha tikkostitwixxi publikazzjoni valida, ikun possibbli l-aċċess aktar malajr u aktar ekonomiku għall-liġi tal-Unjoni. Madankollu, iċ-ċittadini għandhom ikompli jkollhom il-possibbiltà li jottjenu verżjoni stampata tal-Ġurnal Uffiċjali mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.
- (7) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni intitolata "Aġenda Diġitali għall-Ewropa" tenfasizza li l-aċċess għall-kontenut legali online jiffavorixxi l-iżvilupp tas-suq intern diġitali, li jwassal għal benefiċċji ekonomiċi u soċjali.
- (8) Ir-regoli li jiżguraw l-awtentiċità, l-integrità u l-inalterabbiltà tal-pubblikazzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali għandhom għalhekk jiġu stabbiliti.
- (9) Dan ir-Regolament għandu wkoll jistabbilixxi regoli applikabbli f'każijiet fejn, minħabba ċirkostanzi mhux previsti u eċċezzjonali, ma jkun possibbli li tiġi ppubblikata u ssir disponibbli l-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali.
- (10) Id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar qafas Komunitarju għall-firem elettroniċi<sup>(4)</sup> tistabbilixxi l-effetti legali tal-firem elettroniċi bħala mezz ta' awtentikazzjoni. Għall-finijiet tal-iżgurar tal-awtentiċità, l-integrità u l-inalterabbiltà tal-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali, firma elettronika avvanzata bbażata fuq ċertifikat kwalifikat u maħluqa b'taġħmir li joħloq firem siguri skont dik id-Direttiva tipprovdi garanziji biżżejjed għall-pubbliku. Għandu jkun possibbli li il-Ġurnal Uffiċjali ffirmat b'mod elettroniku jiġi vverifikat b'mezzi faċilment disponibbli.

<sup>(1)</sup> Regolament Nru 1 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 017, 6.10.1958, p. 385/58).

<sup>(2)</sup> ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41.

<sup>(3)</sup> Ġabra 2007, p. I-10841.

<sup>(4)</sup> ĠU L 13, 19.1.2000, p. 12.

- (11) L-aċċess għas-sit elettroniku EUR-Lex għandu jiġi żgurat f'konformità mal-impenji għall-ħarsien ta' persuni b'diżabbiltà skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà <sup>(1)</sup>.
- (12) Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb l-għan li jippermetti liċ-ċittadini kollha Ewropej li joqogħdu fuq il-pubblikazzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali, peress li l-ambitu tiegħu huwa limitat biex jagħmel din il-pubblikazzjoni awtentika, bl-istess mod bħalma hija llum il-pubblikazzjoni stampata.
- (13) Għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, it-TFUE ma jipprevedix poteri għajr dawk taħt l-Artikolu 352,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

1. Il-Ġurnal Uffiċjali għandu jiġi ppubblikat fil-forma elettronika, skont dan ir-Regolament, bil-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3, il-Ġurnal Uffiċjali ppubblikat fil-forma elettronika biss (minn hawn 'il quddiem "l-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali") għandu jkun awtentiku u għandu jipproduċi effetti legali.

#### Artikolu 2

1. L-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali għandu jkollha firma elettronika avvanzata bbażata fuq ċertifikat kwalifikat u maħluqa b'taġhmir li joħloq firem siguri, skont id-Direttiva 1999/93/KE. Iċ-ċertifikat kwalifikat u t-tiġdid tiegħu għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku EUR-Lex sabiex ikun possibbli għall-pubbliku li jivverifika l-firma elettronika avvanzata u l-karattru awtentiku tal-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali.

2. L-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali għandha turi l-informazzjoni rigward id-data tal-pubblikazzjoni tagħha.

3. L-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali għandha tkun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit elettroniku EUR-Lex f'format li jibqa' jintuża u għal żmien illimitat. Il-konsultazzjoni tagħha għandha tkun bla ħlas.

#### Artikolu 3

1. Fejn mhux possibbli li l-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali tiġi ppubblikata minħabba interruzzjoni mhux prevista

u eċċezzjonali fis-sistema tal-informazzjoni fl-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, is-sistema tal-informazzjoni għandha tiġi rrestawrata kemm jista' jkun malajr.

Il-mument li fih isseħħ tali interruzzjoni għandu jiġi stabbilit mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

2. Fejn ikun meħtieġ li jiġi ppubblikat il-Ġurnal Uffiċjali meta s-sistema ta' informazzjoni fl-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet ma tkunx operattiva minħabba interruzzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-edizzjoni stampata biss tal-Ġurnal Uffiċjali għandha tipproduċi effetti legali.

Ladarba s-sistema ta' informazzjoni tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni tkun irrestawrata, il-verżjoni elettronika korrispondenti tal-edizzjoni stampata msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit elettroniku tal-EUR-Lex għall-finijiet ta' informazzjoni biss u għandha tinkludi avviż dwar dan.

3. Ladarba s-sistema tal-informazzjoni tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tkun irrestawrata, is-sit elettroniku tal-EUR-Lex għandha jagħti informazzjoni dwar l-edizzjonijiet stampati kollha li jipproduċu effetti legali skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2.

#### Artikolu 4

1. Fir-rigward tal-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jkun responsabbli sabiex:

- jippubblikaha u jiggarrantixxi l-awtentiċità tagħha;
- jimplimenta, iħaddem u jmantni s-sistema tal-informazzjoni li tipproduċi l-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali, u jtejjeb dik is-sistema f'konformità mal-iżviluppi tekniċi tal-ġejjieni;
- jimplimenta u jestendi l-faċilitajiet tekniċi biex jiżgura l-aċċessibbiltà għall-utenti kollha tal-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali;
- jistabbilixxi s-sigurtà interna u r-regoli ta' aċċess fir-rigward tas-sistema tal-informazzjoni li tipproduċi l-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali;
- jippreserva u jarkivja l-fajls elettroniċi u jużahom f'konformità mal-iżviluppi teknoloġiċi tal-ġejjieni.

2. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jwettaq ir-responsabbiltajiet stabbiliti fil-paragrafu 1 skont id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom.

#### Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tar-raba' xahar kalendarju wara l-adozzjoni tiegħu.

<sup>(1)</sup> ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Marzu 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. SHATTER

---